**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Diċembru 2014 (Każ R 2563/2013-5), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal li jikkonsisti f'żewġ strixxi paralleli fuq qalziet bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Shoe Branding Europe BVBA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 107, 30.3.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2015 – Rotkäppchen-Mumm Sektkellereien vs UASI – Ruiz Moncayo (RED RIDING HOOD)**

**(Kawża T-128/15)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali RED RIDING HOOD — trade marks nazzjonali u internazzjonali verbali preċedenti ROTKÄPPCHEN — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Assenza ta' xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2016/C 048/57)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Rotkäppchen-Mumm Sektkellereien GmbH (Freyburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: W. Berlit, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: J. Lewis u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Alberto Ruiz Moncayo (Entrena, Spanja) (rappreżentant: E. Valentín Prades, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Jannar 2015 (Każ R 1012/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Rotkäppchen-Mumm Sektkellereien GmbH u Alberto Ruiz Moncayo.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Rotkäppchen-Mumm Sektkellereien GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 171, 26.5.2015.

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Diċembru 2015 – POA vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-584/15 R)**

***("Miżuri provviżorji — Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta — 'Halloumi' jew 'Hellim' — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Nuqqas ta' urġenza")***

(2016/C 048/58)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Pagkyprios organismos ageladotrofon Dimosia Ltd (POA) (Latsia, Ċipru) (rappreżentant: N. Korogiannakis, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Lewis u J. Guillem Carrau, aġenti)

**Suġġett**

Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-att tal-Kummissjoni tat-28 ta' Lulju 2015 intitolat "Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 50(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Novembru 2012, dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel" (ĠU C 246, p. 9).

**Dispożittiv**

1) *It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.*

2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

---

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Diċembru 2015 – E-Control vs ACER**

**(Kawża T-671/15 R)**

***("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Avviż li jitratta l-kompatibbiltà tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali ta' regolazzjoni nazzjonali li japprovaw il-metodi għall-għoti ta' kapaċità ta' trażmissjoni transkonfinali a' elettriku — Talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Ksur tar-rekwiżiti proċedurali — Inammissibbiltà")***

(2016/C 048/59)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Energie Control Austria für die Regulierung der Elektrizitäts und Erdgaswirtschaft (E-Control) (Vjenna, l-Awstrija) (rappreżentant: F. Schuhmacher, avukat)

*Konvenuti:* L-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)